Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 24**
**It-Tlieta 23 ta'Marzu 2021**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa’ online fil-6:00pm.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :
Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier

## ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

24.1.01 Il-Kunsilliera kollha kienu preżenti għas-seduta.

### 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

24.2.01 Il-Minuti ta'Seduti L8-22 u L8-23 ittieħdu bħala moqrija.
Kien hemm korrezzjoni fil-minuti 22.2.01.17
Il-minuti ġew approvati unanimament.

### 24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

24.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendiet għal- laqgħa ta' informazzjoni li saret online mid-dipartiment biex jispjegaw kif se tkun qed taħdem is-sistema ta' ġbir tal-iskart li minn Settembru 2022 se jkunu taht il-kontroll tar-Reġjuni. Hawn spjegat li r-Regjun minn Ċentru se jibda jissejjaħ Lvant u li kien hemm ċaqliq ta'xi żewġt kunsilli li marru ma jew ġew minn Regjun ieħor,fejn l-Imsida baqgħet fejn hi. Hawn kompliet tispjega dwar l-allokazzjoni li xorta se tibqa tal-kunsill u kif hemm propost li se joħroġ il-kuntratt mir-Regjun, sistemi ta'kontrolli minn uffiċjal tar-Regjun, sistemi ta' kif jiġu ndirizzata l-ilmenti u kif se ssir il-ħlas mill-kunsill għar-Regjun li imbagħad jrid iħallas lil kuntrattur wara li jkunu verifikat ix-xogħol mill Contracts maniġer tal-kunsill.

24.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti dwar numru ta'ċirkulari li waslu fosthom 2021/21-25 li qed jintbagħatu mill-AKL dwar webinar jew taħriġ li qed jiġu mgħoddija għall attenzjoni tagħhom biex min ikun interessat jieħu ħsieb japplika.

24.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li ġiet innominata għall term ieħor ta' President tal-Kunsill Skolastiku tal-Kullegg StaTereza.

24.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li waqt il-laqgħa tar-Regjun ingħata tagħrif dwar proġett Kisbiet Minsija li jittratta f' intervisti ma'nisa Anzjani l-fuq minn 70 dwar esperjenzi tagħhom fejn xi punti minnhom jistgħu jservu biex ssir rappreżentazzjoni fuq il-palk.

24.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja ta'rappreżentazzjoni minn għaqda mhux Governattiva Green Strips u għarrfet lil kunsilliera preżenti li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendiet għall laqgħa ta'informazzjoni li saret online dwar l-inizjattiva tagħhom li tikkonsisti f'pjattaforma ta'konsultazzjoni għall proposti fuq xi suġġett partikulari li tista' tintuża biex il-Kunsill jikkomunika ma' min ikun interessat. Dawn id-dettalji se jintbagħatu lill kullħadd aktar tard.

**24.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

24.4.01 B'referenza għall-minuti 23.3.01 dwar il-proġett ta'drenaġġ mill-WSC li jinsab wieqaf, Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk il-kuntrattur il-ġdid li jista' jingħata it-tender hux se jkun jaf x'hemm biex ma jerġax jiġri dak li gara, jew jekk hux se jkun hemm bżonn mill-ġdid isiru trinek fit-triq biex jaħdem fuq dak ix-xogħol li ġa sar.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-WSC jafu x'hemm u tifhem li dawn se jikkoordinaw mal-kuntrattur ġdid dwar dak li hemm bżonn ssir.

24.4.02 B'referenza għall-minuti 23.4.01, dwar l-uffiċju għar-refuġjati go Triq D'Argens, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li dan għalaq u mar il-Blata l'Bajda.
Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk dan il-post jistax jkun devolut biex jintuża mill-Kunsill.
Is-Sinjura Judy Sciberras staqsiet jekk il-kunsill jistax jara wkoll dwar il-berġa l-antika.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-berġa għada tintuża għall-affarijiet oħra filwaqt li se tiċċekkja x'se jiġri mill-uffiċju għar-refuġjati.

24.4.03 B'referenza għall-minuti 21.4.02, is-Sur Jean Claude Borg għarraf lil kunsilliera preżenti li l-appuntament biex il-kunsilliera jmorru jaraw ix-xogħol li sar fil-pedestall ġie pospost minħabba l-Covid 19.

24.4.04 B'referenza għall-minuti 23.4.04, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-IM għamlet ix-xogħol fuq il-kulvert go Triq il-Baċir.
Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar ix-xogħol tajjeb li sar fuq il-kulvert.

24.4.05 B'referenza għall-minuti 23.4.07, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-kuntrattur tal-kunsill mexxa l-bozza go Triq Dijonisju Fammucelli

24.4.06 B'referenza għall-minuti 23.4.18 dwar Skema finanzjarja 8 / 2020, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li xi wħud milL-għaqdiet ġa ħadu ħsieb u ġabu lir-irċevuti tagħhom għall dak approvat.

24.4.07 B'referenza għall-minuti 23.4.20 Is-Sur Maurice Agius reġa' ġibed l-attenzjoni li l-kolletturi tal-iskart mhux qed jkunu bil-ġakketta u dwar kif qed jiġbru il-boroż go kantuniera mingħajr ma jħallu passaġġ.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

24.4.08 B'referenza għall-minuti 23.5.02, L8_22 u fejn is-Sur Nicholas Chircop għamel mistoqsija staqsa lil Charles Selvaggi, Is-Sur Maurice Agius qal li meta kienu qed jitkellmu fuq il-pedestrian fly pass kien jidher ċar li dawn ma għoġbu lill-ħadd u ġew deskritti bħala mostru. Hawn kompla jispjega li anke jekk dawn ma'jsirux ma jixtieqx jara alternattiva li flok mostru jiġi xi dragun għalhekk il-Kunsill irid joqgħod attent.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li l-kunsill jrid jikkunsidra ideat differenti biex jkun hemm alternattiva aħjar. Hawn kompla jispjega bħala eżempju l-Kunsill jista' jikkunsidra parkeġġ magħmul biex jilqa' karozzi sa'ċertu għoli biss filwaqt li l-ġnien jiġi fuq is-saqaf u jagħti l-parkeġġ.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li għalkemm il-parkeġġ jidher li qed jieħu ħafna spazju wieħed rrid jara li dan mexxa minn mad-dawra tal-monument. Hawn spjegat li għall raġunijiet li jaf kulħadd il-laqgħa mal-periti tal-Kunsill ma setgħetx ssir. Għalhekk biex ma' jintilifx żmien,talbet lil dawn biex joħorġu b'ideat li jippermettu li ssir il-pedestrian underpass u wara ssir il-laqgħa fejn kullħadd għandu jiġi bl-ideat biex l-kunsill jiddiskuti aħjar l-alternattivi. Fl-istess ħin għarrfet lill kunsilliera preżenti li waslet kopja ta' petizzjoni li l-moviment Graffiti bagħat lil Infrastruttura Malta.

24.4.09 B'referenza għall-minuti 23.5.03, dwar l-implimentazzjoni ta' sistema one way minn Triq Sant'Andrija l-isfel sa Triq Mons Innoċenz Zammit k/m Triq Dijonisju Famucelli, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li din għada ma'bdietx u għad l-ewwel irrid jara jekk hux possibbli ssiru tabelli li jippermettu trakk ta'ċertu tunnellaġġ jitla biss il' fuq kif diskuss.

24.4.10 B'referenza għall-minuti 23.5.04, Minħabba iċ-ċirkustanzi ta' Covid 19 mhux se jkun possibbli li jkun hemm il-wirja ta'vari għall-Ġimgħa Kbira u promozzjoni tal-vari ġodda għall- purċissjoni ta'tfal.
Is-Sur Jean Claude Borg qal li dawn se jkunu lesti fil-ġranet li ġejjin u daqt ikunu l-Kunsill.

24.4.11 B'referenza għall-minuti 23.5.05, Is-Sur Jean Claude Borg spjega li għal attività tal-Ġimgħa il-Kbira l-mixghela se ssir fuq iz-zuntier filwaqt li għad-Duluri minflok iz-zuntier din se ssir mat-toroq fid-dawra tal-Kunsill sal-Għajn bit-turġien li hemm.
Is-Sur Maurice Agius qal li filwaqt li fejn propost jagħmel ħafna sabiħ u jaqbel li ssir go l-Imsida hemm toroq oħra fejn jista' ssir hekk u għall darba oħra għandhom ikunu kunsidrati.

24.4.12 B'referenza għall-minuti 23.5.07, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-kompactor ġie ordnat iżda minħabba l-kwarantina ma'setax jinġabar u jasal fil-ġimgħa kurrenti.

24.4.13 B'referenza għal-minuti 23.5.08, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li saret l-ordni biex jinbidel il-ħġieġ eżistenti tal-fanali ornamentali ma' ieħor aktar trasparenti u għal sebgħa fanali ġodda.

24.4.14 B'referenza għal minuti 23.5.10 dwar SPI/SCI/3/2021, għall-fondi fuq Attivitajiet Kulturali Annwali 2021, is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li data għall-applikazzjoni se tagħlaq fit-2 ta'April.

24.4.15 B'referenza għal minuti 23.5.11, dwar installazzjoni ta' kameras. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-membri maħtura biex jagħmlu l-laqgħa ħalli jiddiskutu u jagħmlu l-proposti għall- kunsiderazzjoni tal-Kunsill.
Il-Kunsilliera membri fil-kumitat qablu li dan ssir it-Tnejn 29ta'Marzu fil-5:00 p.m.

24.4.16 B'referenza għal minuti 23.5.13, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li kellmet lill perit inkarigat mix-xogħol go triq it-Torri biex jaraw jekk hux possibbli ssir ix-xogħol fuq is-central strip. Hawn spjegat li filwaqt li din tista' ssir, hemm problema minħabba li tkun ftit għolja minhabba bibien tal-karozzi.
Is-Sur Emanuel qal li l-aħjar jitla jara waħda fuq il-post iżda jaħseb li għax tkun għolja ma'għandiex tkun problema bħal meta karozzi jipparkjaw ma' xi ħajt.
Is-Sur Alfred Farrugia fakkar li l-kunsill kien ddiskuta wkoll biex ssir dawl fin-nofs u jekk rrid jista' jitla ma' sur Emanuel Brincat.

24.4.17 B'referenza għal minuti 23.5.16, Dwar ir-rotta tal-linja.Is-Sinjura Judy Sciberras staqsiet jekk kienx hemm risposta minn TM.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li minħabba iċ-ċirkostanzi tal-ahhar ġimghat ma għamilx kuntatt u lanqas ma' ħa xi risposta għall reminder li bagħat biex ssir laqgħa mal-uffiċjali tal-linja.

24.4.18 B'referenza għal minuti 23.5.18, Is-Sur Emanuel Brincat staqsa jekk kienx hemm kuntatt ma' B'Kara biex jkunu żarmati l-kameras fi' Triq Indrì Grima

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li minħabba l-stess ċirkostanzi ta'l-ahhar ġimghat ma'għamilx kuntatt iżda se jara fuqhom.

24.4.19 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar l-avviżi tal-Bye Law għall projbizzjoni ta' xorb alkoħoliku fit-toroq residenzjali jekk tqassmux lill tal-ħwienet kollha.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan kien tqassam lill ħwienet kollha li jbiegħu xi tip ta'xorb alkoħoliku fejn suppost huwa esibit go post prominenti. Biss fejn hemm bżonn jerġa jitqassam.

**24.5 Items oħra ta' Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

24.5.01 B'referenza għall-minuti 23.5.01 dwar l-emendi għal Bye Law tal-Iskall is-Sur Charles Selvaggi talab biex id-diskussjoni tkun posposta għall seduta oħra għax ma kellux ċans jara xejn fuqha.
Il-kunsill ddiskuta u qablu unanimament biex jaraw sew id-dokument preżentat u jkomplu jiddiskutu il-proposti fis-seduta li jmiss biex wara jmexxu għal konsultazzjoni mal-għaqda.

24.5.02 B'referenza għal minuti 23.5.12, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-kuntrattur tal-kunsill lesta l-stima għall xogħolijiet biex ssiru fanali go Triq Dun Kalcidon Schembri li tammonta għall €3332 mingħajr VAT għall qtugħ ta'trinek u distribuzzjoni ġdida tad-dawl minn taht it-triq.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

24.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-ahhar ftit ġimghat fejn il-kunsill kellu jagħlaq minħabba kwarantina. Hawn x'taqet tirringrazzja lill-impjegati kollha li minkejja kważi kulħadd kien milqut dawn xorta baqgħu għaddejjin bix-xogħol normali mid-dar minkejja iċ-ċirkustanzi.

Is-Sur Nicholas Chircop qal li sema ħafna kummenti pożittivi fuq is-sistema online li għamel l-kunsill.

24.5.04 Is-Sur Alfred Farrugia irringrazzja lill ħaddiema kollha tal-impenn li wrew u b'referenza għall minuti 18.3.05 , dwar skema għall għoti ta' siġar u pjanti mill-Ministeru għat-Turiżmu staqsa jekk hux possibbli ssir kuntatt mill-Kunsill halli jkun jaf f'hiex waslet l-applikazzjoni.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

24.5.05 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-qsari li hemm go Sqaq Johnny Catania u staqsa fejn dawn jistgħu jitpoġġew.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li is-Sur Maurice Agius kien issuġġerixxa li dawn jistgħu jittieħdu ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-qsari li hemm fejn Skate Park li għandhom bżonn dawra.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li jista' ssir xi ħaġa go triq Mons Carmelo Zammit.

24.5.06 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar perspex imkisser mad-dawra ta'Skate Park u dwar id-dawl li qed jiġi f'għajnejn in-nies.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jrid jara fejn eżatt biex jgħaddi l-informazzjoni lill-awtoritajiet responsabbli minn Skate park

24.5.07 B'referenza għall-minuti 6.5.11, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar id-draft tal-ktieb ''Għall Għonq it-Triq'' li huwa kważi lest biex jkun stampat u staqsiet lil kunsilliera preżenti dwar il-qoxra.

24.5.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li waslet sejħa biex ssiru nomini għal premju żagħżugħ tas-sena organizzata mill Għaqda Kerygma fejn is-Sur Maurice Agius ippropona lis-Sur Nicholas. J. Chircop.
Is-Sindku ssekondat u l-kunsill approva unanimament.

24.5.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar korrispondenza b'dettalji ta'Tsunami li seħħ fil-bidu ta'seklu l-ieħor u proposta mill-korrispondent biex ssir plakka kommemorattiva.

Il-kunsilliera ddiskutew u qablu li jkun hemm riċerka fuq is-suġġett u oħrajn simili għall xi pubblikazzjoni ta'artiklu iżda ma' japprovawx li ssir plakka kommemorattiva.

24.5.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda stima għall servizzi extra minn uffiċjali tal-LESA u spjegat fid-dettal il-prezzijiet. Il- Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li dawn jiġu għoljin wisq filwaqt li l-alternattiva deskritta fil-minuti 24.4.15 tidher aktar viabbli.

24.5.11 Is-Sur Nicholas Chircop tkellem dwar laqgħa li kellu ma'Aġenzija Zghazagh dwar il-proġett Youthwork li jinvolvi sessjonijiet ta'informazzjoni fuq sport u jaqdu dan mal-hajja tagħhom. L-idea hi biex gruppi ta'erba' żagħżagħ jagħmlu riċerka fuq il-lokal u jorbtu dan mas- Systems of Knowledge.

**24.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

Ma kienx hemm rapporti

**24.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

24.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-24 ta' ħlasijiet bejn l-24 Frar sa' 23 Marzu 2021 għall-approvazzjoni tal-Membri. L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Jean Claude Borg u s-sekondat mis-Sur Maurice Agius.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**24.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

24.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:15 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 20 ta'April 2021.

Minuti konfermati, illum 25 ta'Mejju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |